

DEĊIJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-5 ta' Mejju 2010****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji għas-sena finanzjarja 2008**

(2010/535/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji għas-sena finanzjarja 2008,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Audituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għall-Ferroviji għas-sena finanzjarja 2008, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija (¹),
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2010 (5827/2010 – C7-0061/2010),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 276 tat-Trattat KE u l-Artikolu 319 tat-Trattat FUE,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (²), u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji (³), u b'mod partikulari l-Artikolu 39 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (⁴), u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0084/2010),
1. Japrova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji għas-sena finanzjarja 2008;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Audituri, u biex jiżgura/tiżgura li tiġi ppubblikata f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

Jerzy BUZEK

Is-Segretarju ġeneral

Klaus WELLE

(¹) ĠU C 304, 15.12.2009, p. 89.

(²) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

(³) ĠU L 164, 30.4.2004, p. 1.

(⁴) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.